## Minuti

## Laqgha tal-Kunsill Lokali Pembroke

# *Laqgha Nru. 12/K7/2016*

Data: ***26/10/2016***

Hin: ***17:00***

Post: ***Kunsill Lokali Pembroke, Triq Alamein, Pembroke.***

---

| | |
|---|---|
| Prezenti: | ***Dean Hili***– *Sindku* |
| | ***Raymond Lanzon*** – *Vici Sindku* |
| | ***Evelyn Vella Brincat*** – *Kunsillier* |
| | ***Charles Cesare*** – *Kunsillier* |
| | ***Kevin Borg*** – *Segretarju Ezekuttiv* |
| Skuzati: | ***Mark Causon*** – *Kunsillier* ***(Dok. 1)*** |
| | ***Rebecca Spiteri*** – *Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh* ***(Dok. 2)*** |

---

## AGENDA

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 11/K7/2016.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 11/K7/2016.**
3. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
5. **Mistoqsijiet.**
6. **Korrispondenza.**
7. **Attivitajiet Edukattivi, Kulturali u Socjali.**
8. **Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju Kwart Nru. 3.**
9. **Paceville Master Plan.**
10. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
11. **Materji ohra.**

Ghall-partijiet mill-laqgha, fuq stedina tal-Kunsill, kien hemm prezenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sra. Romina Perici Ferrante.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqgha kienet qed tigi streamed online.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 11/K7/2016.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 11/K7/2016 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 11/K7/2016.

2.01. Is-Sindku Dean Hili rrimarka li ma kienx hemm punti pendenti li jimmeritaw decizjoni.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 17/2016** - Lista ta' laqghat li saru 11/K7/16 u 12/K7/16 **(Dok. 3)**

3.02. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-works orders mahruga bejn laqgha u ohra fejn ippropona r-ratifikazzjoni taghhom, liema works orders inhargu skond l-esigenzi li kellu l-Kunsill.

| Works Order | | Data | Kumpanija | Xoghol |
|---|---|---|---|---|
| 158 | 2016 | 03/10/2016 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jirranga l-grids tal-water culvert li hemm fi Triq Madre M. De Brincat. |
| 159 | 2016 | 03/10/2016 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jitnehhew blokki tal-konkos li hemm fil-parkegg fi Triq Patri Serafin Zarb peress li qed jostakolaw il-parkegg. |
| 160 | 2016 | 03/10/2016 | J&K Contractors | Tlabna sabiex tidjieq il-bankina ta' Triq Bice Mizzi Vassallo sabiex issir katusa ghar-rain water culvert. |
| 161 | 2016 | 04/10/2016 | Mica Med | Tlabna sabiex tissolva l-problema li ghandu s-Sur Sandro Caruana li joqghod 19, 'Orchidea', Triq Mikiel Ang Grima fejn fil-hin li qed jixghel id-dawl ta' triq fi 6.50pm qed tmurlu s-salvavita tad-dar. |
| 162 | 2016 | 05/10/2016 | Mica Med | Tlabna sabiex tirrenga lampa maqtugha bi numru W026 li tinsab mal-faccata ta' Dar 58 fi Triq Patri Indri Vella. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 163 | 2016 | 06/10/2016 | Mica Med | Kontinwazzjoni ta' works order 161/2016. |
| 164 | 2016 | 07/10/2016 | Mica Med | Kontinwazzjoni ta' works order 161/2016. |
| 165 | 2016 | 07/10/2016 | Mica Med | Tlabna li ssir shade mal-bozza li hemm quddiem dar numru 9, Triq Gio Felice Inglott. |
| 166 | 2016 | 10/10/2016 | J&K Contractors | Tlabna sabiex tinbena bankina gdida fi Triq Burma minn wara Blokk 7 sa ma kantuniera ta' Triq Salvatore Castaldi. |
| 167 | 2016 | 11/10/2016 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jipprovdi u jinstalla 2 tabelli ta' direzzjoni li sfaw milquta fi Triq Burma ma' Triq il-Mediterran. |
| 168 | 2016 | 11/10/2016 | Mica Med | Infurmajnih li l-kwotazzjoni tieghu giet approvata u tlabna sabiex issir l-installazzjoni ta' lampi godda fi Triq Burma. |
| 169 | 2016 | 11/10/2016 | Mica Med | Tlabna sabiex tissewwa bozza fi Triq San Gorg Preca bejn numru 6 u 7. |
| 170 | 2016 | 11/10/2016 | Koptasin | Tlabna sabiex jipprovdi pole tal-belisha beacon. |
| 171 | 2016 | 17/10/2016 | J&K Contractors | Tlabna sabiex isir ghatu tal-giebja li hemm bejn il-Park & Ride u Triq Sant'Andrija. |
| 172 | 2016 | 19/10/2016 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jipprovdi u jinstalla railing fi Triq Burma abbazi r-rati ta' tender u bhala kwantita' hemm bzonn cirka 200 metru. |
| 173 | 2016 | 20/10/2016 | Mica Med | Tlabna sabiex tirrenga lampa tixghel u titfi bin-numru W111 fi Triq Patri Serafin Zarb ma' Blk 7, Flt 7. |
| 174 | 2016 | 24/10/2016 | Mica Med | Tlabna sabiex ti ssewwa bozza li tinsab fuq in-nicca tal-Madonna Triq Burma. |
| 175 | 2016 | 24/10/2016 | DOI | Tlabna sabiex jidher advert dwar tender 7, 8 u 9/2016. |
| 176 | 2016 | 25/10/2016 | Mica Med | Tlabna sabiex tinbidel il-lampa li tinsab bla shade bi numru W121 li hemm ma' Blokk 2, Hse 3 fi Triq Antoine De Favray. |
| 177 | 2016 | 25/10/2016 | Pembroke Self Service | Tlabna jissupplixxi xi ikel u xorb ghal-laqgha tal-Kunsill. |
| 178 | 2016 | 25/10/2016 | Audio Visual Centre ltd. | Ordni ta' kotba ghall-librerija. |
| 179 | 2016 | 25/10/2016 | BDL | Ordni ta' kotba ghall-librerija. |
| 180 | 2016 | 25/10/2016 | Miller Distribution Ltd. | Ordni ta' kotba ghall-librerija. |

3.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill bl-ilmenti li kien ghad hemm pendenti.

| Ref. | Dettalji tal-ilment |
|---|---|
| 59 | Talbet sabiex jitnehha gebel kbir li hemm wara cint ta' wara Blokk 10 minhabba li qed ikun hemm zghazagh ikissru l-hgieg tal-karozzi b'dawn il-gebel u li hemm sigar mizrugha bl-addocc minn residenti l'issa kibru hafna. |
| 62 | Talbet sabiex ninfurmaw lir-resident ta' Plot 5, Triq il-Kurunell Cocks sabiex jizbru s-sigra tar-rummien li qed tesporgi l-barra mill-bankina. |
| 63 | Issugerixxa l'issir tabella faccata tal-arkata vlegga li tindika l-hrug il-barra minn Juno. |
| 65 | Talab sabiex mal-pole tad-dawl li hemm quddiem id-dar tieghu tehel tabella li tindika biex ma jipparkjawx bis-silencer il-gewwa kif hemm ma' l-arbli l-ohra. |
| 66 | Infurmat lill-Kunsill li kull filghodu qed ikun hemm tfal zghar fil-pjazza ta' Pietro Rossell jiddendlu mal-fanali u jaqbzu minn fuq ic-cnut. Infurmat lill-Kunsill li diga kissru 2 fanali. Nies li jigu minn ta' bil-lejl lanqas ikunu jistghu jorqdu. |
| 67 | Talab sabiex jigu mmarkati l-parking bays fi Triq Francesco Wizzino ghaliex kulhadd jipparkja kif gie gie. |
| 68 | Talab sabiex isiru xi sleeping policemen fi Triq Tunis (int u gej minn Triq l-Imhallef William Harding) hdejn tat-Tennis minhabba li l-akwata tigi frekwentata minn hafna tfal u l-karozzzi jghaddu b'velocita qawwija. |

3.06. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jiehu s-segwenti azzjonijiet:

| Ref. | Dettalji tal-ilment |
|---|---|
| 59 | Il-Kunsill ghandu jitlob lill-kuntrattur li jiehu hsieb is-sit (Chalie Mifsud) biex jara li l-gebel li hemm imdaqqas mifrux mas-sit, jingabar u jitnehha. |
| 62 | Ghandha tkun policy tal-Kunsill li f'kazijiet simili ta' sigar li jesporgu ghal fuq il-bankini u/jew jostakolaw dawl pubbliku, il-Kunsill wara li jivverifika li l-ilment huwa gustifikat ghandu jaghmel kuntatt mar-resident koncernat u jintalab jintervjeni u jnehhi l-inkonvenjent fi zmien gimghatejn. Jekk dan ma jsirx ghandha tintbghat ittra registrata lir-resident koncernat u jekk fi zmien gimghatejn jerga' ma jsir xejn, il-Kunsill iqabbad kuntrattur minn tieghu biex jaghmel ix-xoghol ghas-spejjez tal-istess resident. F'kaz li zbir li jkun hemm bzonn isir ikun fuq art ta' terzi u /jew privat, jekk l-inkwilin jibqa' ma jiehux azzjoni wara l-ewwel ittra registrata, il-Kunsill jikteb ittra bl-avukat u r-resident partikulari jinzamm responsabbli ghal dak kollu li jista' jinqala'. |
| 63 | Jigu ordnata 2 tabelli li jindikaw Way Out fid-direzzjoni ta' Triq Mandalay. |
| 65 | Din it-tabella ghandha tigi ordnata. |
| 66 | Nesploraw il-possibilita' li ssir tabella li tindika li z-zona hija zona residenzjali. |
| 67 | Dawn il-marki tat-traffiku ghandhom isiru. |
| 68 | Il-Kunsill ma jhossx li hija idejali l'issir road hump fi Triq Tunis kif indikat minhabba kif hija z-zona. |

3.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.09. Is-Sindku Dean Hili ppropona li jsir tindif u zbir fl-akwati ta' St. Patricks u taht Juno Flats kif ukoll li jinbidlu t-tabelli li hemm fi Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta peress li bjadu.

3.10. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda u zied li l-culvert fi Triq Sir Adrian Dingli ghandu jitnaddaf aktar spiss.

3.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jitwahhlu bollards fi Triq Francesco Wizzino biex jimpedixxu li vetturi jipparkjaw fuq Pembroke Battery.

3.13. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

3.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.15. Is-Sindku Dean Hili ppropona sospenzjoni tal-agenda biex item 8 tigi diksussa qabel item 4.

3.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08. Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju Kwart Nru. 3.

8.01. Is-Sindku Dean Hili pprezernta r-rapport finanzjarju Kwart Nru. 3 ghall-perjodu Lulju sa Settembru 2016 **(Dok. 4)** fejn talab lill-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante biex taghti l-ispjega taghha.

8.02. Wara li ma kien hemm ebda kummenti, is-Sindku Dean Hili ppropona li r-rapport jigi approvat kif ipprezentat.

8.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.05. Is-Sindku Dean Hili rringrazzja lill-Accountant u din halliet il-kamra fis-6.15pm.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn **it-28 ta' Settembru u s-26 ta' Ottubru 2016** u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/3330/16/O**
**30/09/2016**
Email li l-Kunsill baghat lill-Probation and Parole fejn b'referenza ghar-responsabilita' fuq min ikun fuq probation, il-Kunsill talab garanzija li l-Kunsill ikun kopert f'kaz li alla hares qatt ikun hemm xi accident waqt li jkun qed isir xoghol fil-komunita'.

6.02. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3330/16/O** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghal-attenzjoni tal-membri.

**46/3375/16/I**
**04/10/2016**
Email minghand il-Luxol FC fejn informa lill-Kunsill li qabdu kumpanija ta' health & safety sabiex jimpruvjaw il-facilitajiet u jissalvagwardjaw it-tfal u qed jirrakkomandaw li jsiru tabelli ta' speed limit u pedestrian crossing fi Triq Arnhem.

**46/3378/16/I**
**04/10/2016**
Email minghand il-Kunsill Lokali Swieqi fejn qed jirrakkomandaw li fi Triq Arnhem issir tabella ta' No Right Turn sabiex it-traffiku ma jdurx il-fuq u jikkaguna periklu ghall-vetturi li jkunu tiela' minn Triq Sant'Andrija.

6.03. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/3375/16/I u 46/3378/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li pedestrian crossing mhuwiex possibbli l'issir peress illi ma hemmx post fejn isiru bankini fuq iz-zewg nahat tal-*crossing* skond standards ufficjali. Il-kelliem ippropona li jsiru t-tabelli li hemm nieqsa fuq il-post inkluz no right turn, speed limit, u ohrajn, kif ukoll jekk ikun hemm qbil mal-Luxol FC, Triq Arnhem ghandha terga' issir kollha One Way direzzjoni minn Triq Alamein lejn Triq Sant' Andrija.

6.04. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3379/16/I**
**04/10/2016**
Email minghand Clinton Debono fejn baghat kwotazzjoni ghal hames disinni u fustun ghall-prezz ta' €400 inkluz il-VAT u l-kiri tal-arbli huwa ta' €23 il-wiehed, ghal estenzjoni fi Triq ANZAC.

6.06. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3379/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaghmel ordni ghal dan ix-xoghol b'zieda max-xoghol li kien gie ordnat is-sena li ghaddiet biex b'hekk din is-sena, fi zmien il-festi tal-Milied il-Kunsill jixghel Triq Normandy, Triq Alamein, parti minn Triq Suffolk, parti minn Triq ANZAC fejn hemm ir-residenti, faccata tal-Knisja u fustun madwar Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

6.07. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3462/16/I**
**12/10/2016**
Email minghand Transport Malta fejn infurmaw lill-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni li jsiru tabelli ta' no entry fi Triq Camillo Sceberras fil-hin ta' dhul u hrug mill-iskola.

6.09. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3462/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandhom jigu ordnata t-tabelli kif approvata minn TM.

6.10. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3463/16/I** 12/10/2016 — Email minghand GreenPak fejn b'referenza ghat-talba tal-Kunsill ghall-installazzjoni ta' CCTV fejn il-Bring in Sites informaw lill-Kunsill li huma jaccettaw li jsiru l-cameras f'zewg siti dik ta' Triq il-Mediterran u ta' Triq Pietru D'Armenia u baghtu lista ta' affarijiet li jridu jsiru.

6.12. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3463/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jassisti lill-GreenPak f'dak kollu li hemm bzonn isir biex is-sistema tithaddem kemm jista' jkun malajr.

6.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3465/16/I** 12/10/2016 — Email minghand Leon Promotions fejn staqsa jekk din is-sena, il-Kunsill ghandux bzonn is-servizz ta' Father Christmas minhabba li diga ghandu xi bookings.

6.15. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3465/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ghall-Milied il-Kunsill jorganizza l-attivita' ghat-tfal fejn Father Christmas iwassal ir-rigali fid-djar taghhom kif sar fis-snin li ghaddew inkluz li jintuzaw is-servizzi ta' Leon Promotions biex jigi provdut Father Christmas bi hlas.

6.16. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3486/16/I** 13/10/2016 — Kwotazzjoni minghand Midsea Books ghall-kotba.

**46/3506/16/I** 14/10/2016 — Kwotazzjoni minghand il-BDL ghall-kotba

**46/3599/16/I** 21/10/2016 — Kwotazzjoni minghand Milller ghall-kotba.

**46/3649/16/I** 25/10/2016 — Kwotazzjoni minghand il-Merlin ghal kotba mitluba.

6.18. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/3486/16/I, 46/3506/16/I, 46/3599/16/I, 46/3649/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jordna l-kotba bl-irhas prezzijiet.

6.19. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3488/16/I** 13/10/2016 — Applikazzjoni minghand Transport Malta ghal reserved parking bay ta' Ms. Julia Wells li toqghod 24, Triq il-Kurunell Cocks, Pembroke.

6.21. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3488/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba.

6.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3490/16/I**
**13/10/2016**
Email minghand l-AKL dwar il-laqgha tas-Sindki u Vici Sindki li ser issir is-Sibt 5 ta' Novembru 2016 gewwa l-Palazz Verdala fil-gonna tal-Buskett.

6.24. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3490/16/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li huwa flimkien mal-Vici Sindku Raymond Lanzon kienu ser jattendu.

**46/3499/16/I**
**14/10/2016**
Email minghand is-sur John Ebejer fejn baghat lista t'affarijiet li hemm bzonn jigu rrangata fi Triq Sir Luigi Preziosi u l-madwar.

6.25. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3499/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li: (1) Issir mera faccata tal-gate tal-iskola u Speed Limit Sign fi Triq Jum Pembroke; (2) Jinzerghu numru ta' sigar taz-zebbug f'sit li hemm bejn Triq Jum Pembroke u Triq il-President Anton Buttigieg, u (3) Il-pjanti tal-yucca u kaktus li hemm fil-planter li hemm bejn Triq Jum Pembroke u Triq Sir Luigi Preziosi jitnehhew, jitnaddaf il-post mill-vegitazzjoni u jinzerghu pjanti indigini Maltin.

6.26. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3531/16/I**
**18/10/2016**
Reminder minghand l-Awtorita' tad-Djar dwar art abbandunata li hemm biswit sit D bejn Triq Tunis u Triq il-Kurunell Cocks.

6.28. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3531/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Perit tal-Kunsill dwar x'jista' jsir f'dan il-post u eventwalment il-proposta tintbaghat lill-Awtorita' tad-Djar biex issir minnaha taghhom ghas-spejjez taghhom.

6.29. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3586/16/I**
**20/10/2016**
Email minghand Transport Malta fejn informaw lill-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni biex jizdiedu double yellow lines fi Triq Suffolk u talbu sabiex il-Kunsill jinforma lil TM la darba jkunu mplimentata.

6.31. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3586/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li dan ix-xoghol jigi ordnat, u segwit b'emails mal-Agenzija LESA sabiex ikunu ppreparati jakkumpanjaw dan ix-xoghol b'infurzar strett mat-tlestija tax-xoghol.

6.32. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

6.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3637/16/I**
**24/10/2016**
Email minghand in-Nature Trust fejn b'referenza ghall-progett Interreg talab ikun jaf x'ser ikun irwol tal-Kunsill minhabba li ghandhom bzonn jiffirmaw u jissotomettu numru ta' dokumenti u nformazzjoni ohra.

6.34. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/3637/16/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jistaqsi dwar il-possibilita' li l-Kunsill ikun Lead Partner u jekk mhux possibbli, japprova li jilqa' l-offerta ta' Nature Trust biex inkunu partners fil-progett iffinanzjat mill-EU kif ukoll li l-Kunsill ikun ikkunsultat f'kull stadju tal-progett u dwar dak kollu li ser isir.

6.35. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

7.01. Is-Sindku Dean Hili ippropona l'issir l-attivita' ghat-tfal fi zmien il-Milied u xi tip ta' gathering ghall-anzjani fi zmien il-Milied.

7.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

7.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Paceville Master Plan.

9.01. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-laqgha mal-PA, kienet laqgha kordjali fejn il-Kunsill inghata brief ta' x'hemm propost fil-pjan, fosthom:

- Il-proposta dwar l-immanigjar tat-traffiku,
- Is-siti fejn hemm propost li jinbena bini gholi u kif ser jaffetwa d-dell tieghu,
- Il-harsien tal-wirt ambjentali u storiku li hemm fiz-zona,
- Il-holqien ta' postijiet miftuha u l-access ghall-passagg pedonali pubbliku tul il-kosta,
- Time frames tal-progett u l-infrasfruttura li hemm ippjanat li jkun hemm bzonn,
- L-uzu ahjar tal-park and ride u l-facilitajiet li hemm propost li jintuza ghalihom fosthom ta' hub, parkegg u waste transfer station.

9.02. Is-Sindku Dean Hili rrimarka wkoll li fuq l-ahhar punt, il-membri li kienu prezenti (Is-Sindku Dean Hili, il-Kunsillier Charles Cesare u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg) irrimarkaw li wisq probabbli l-Kunsill ser joggezzjona ghall-ahhar parti tal-proposta koncernata mal-waste transfer station minhabba li jinsab f'zona residenzjali imdawra bil-bini storiku kif ukoll minhabba l-fatt tad-distanza qasira bejn Paceville u l-facilitajiet ta' WasteServ fil-Maghtab. Dan fid-dawl ukoll tal-upgrading li sar fuq Triq il-Kosta. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li jidher li l-PA ser taghmel laqghat pubblici ghar-residenti biex huma ukoll ikunu jistghu iresqu l-kummenti u l-proposti taghhom.

*9.03.* ***Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tigi skuzata fis-6:55pm u halliet il-kamra.***

9.04. Wara xi kummenti li kien hemm, is-Sindku Dean Hili ppropona li r-rapport li l-Kunsill jaqbel mal-pjan kif propost u ipprezentat ghajr ghall-proposta ta' Waste Transfer Station fil-lokal fejn ghandha issir Konferenza Stampa fuq il-post fid-data ta' meta tkun ser issir l-oggezzjoni tal-Kunsill. Il-kelliem zied ukoll li l-PA ghandhom jigu nfurmati li l-Kunsill qed jistenna l'issir laqgha ghar-residenti tal-lokal bhala parti mill-process ta' konsultazzjoni.

9.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Dok. 6, 7, 8 u 9)**

10.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata nkluz bin-nuqqasijiet proposti.

10.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Materji ohra.

11.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l'issir rampa ghall-persuni bi bzonnijiet specjali mal-belishia / zebra crossing li hemm fi Triq Alamien quddiem St. Michael School.

11.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.04. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghad-decizjoni mehuda fil-laqgha precedenti dwar is-sigra ta' Triq Patri Pelagju Mifsud fejn informa lill-Kunsill li wara spezzjoni ohra fuq il-post kemm il-Perit tal-Kunsill kif ukoll il-kuntrattur iltaqghu fuq il-post u dak mitlub mill-Kunsill huwa prattikament impossibbli li jsir. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona li tinqala' s-sigra tal-akacja, jigu rrangata l-bankini u l-hajt u jinzerghu sigar ohra maltin minflok.

11.05. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.07. Is-Sindku Dean Hili ippropona li jigi nstallat Railing biswit il-bus stop Kosta fi Triq Sant' Andrija biex jitnehha l-periklu li hemm.

11.08. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ressaq talba lill-Kunsill biex vacation leave li ma jkunx ittiehed sal-ahhar tas-sena, kemm tieghu kif ukoll tal-iskrivani, jinghata l-permess li jiggedded ghas-sena li gejja, liema ammonti m'ghandux jaqbez dak permessibbli bil-ligi.

11.11. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li bhas-snin li ghaddew, it-talba tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kif ukoll l-iskrivana Alison Grixti u Kirsty Rizzo ghandha tigi accettata.

11.12. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.14. Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ghan-nom tieghu u tal-iskrivani rringrazzja lill-Kunsill.

11.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat regghet talbet li tinghata sett cwievet tal-Kunsill wara li kienet irritornathom lura kif elenkat f'Minuti 01/K7/2013 – 4.08.

11.16. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li fil-jiem li gejja is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ser ikollu jaghmel intervnet mediku li ser jimpedixxi ghal xi gimghat milli jkun jista' jsuq. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jikkoncedi lis-Segretraju Ezekuttiv biex meta u jekk ma jkunx il-Kunsill fizikament, ikun jista' jaghmel ix-xoghol permezz ta' teleworking, u dan sakemm ikun dikjarat tajjeb mit-tabib tieghu.

11.17. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

11.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.19. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fis-7:45pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 29 ta' Novembru 2016 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Dean Hili** | **Kevin Borg** |
| *Sindku* | *Segretarju Ezekuttiv* |

*Data: 29 ta' Novembru 2016*